KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

## IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 01

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2019**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fis-5:45 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dott. Daniel John Attard – Sindku
Kyle Mifsud – Viċi Sindku
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Marika Sammut Dimech – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

## 01.1 Introduzzjoni mill-aktar Kunsillier anzjan

01.1.1 Il-Kunsillier Sammut Dimech fetħet il-laqgħa billi għamlet diskors qasir ...

01.1.2 Hawnhekk il-Kunsillier Sammut Dimech stiednet lill-Kunsillier Attard biex jieħu postu f'ras il-mejda sabiex il-laqgħa tkun tista' tipproċedi bil-ħatra tiegħu bħala Sindku.

## 01.2 Ħatra ta' Sindku

01.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) infurmat li skont l-Att tal-Kunsilli Lokali l-aktar persuna li tkun ġabet voti mill-partit li ġab il-maġġoranza tal-voti għandu jiġi elett bħala Sindku. Għaldaqstant staqsiet lill-Kunsillier Attard jekk kienx lest li jaċċetta l-kariga ta' Sindku. Il-Kunsillier Attard qabel u għaldaqstant iffirma l-ittra tal-aċċettazzjoni.

## 01.3 Ħatra ta' Viċi Sindku

01.3.1 Is-SE infurmat li t-tieni persuna li ġabet l-aktar voti mill-partit li ġab il-maġġoranza għandu jiġi elett bħala Viċi Sindku u għaldaqstant talbet lill-Kunsillier Mifsud jikkonferma l-aċċettazzjoni tiegħu bħala Viċi Sindku. Il-Kunsillier Mifsud qabel u għaldaqstant iffirma l-ittra tal-aċċettazzjoni.

## 01.4 Għoti tal-ġuramenti tal-karigi ta' Sindku u Viċi Sindku

01.4.1 Il-Kummissarju tal-Ġustizzja, Dott. Martina Herrera, li kienet preżenti għal-laqgħa stiednet lis-Sindku jaqra d-Dikjarazzjoni, jiffirmaha u jbus is-salib.

01.4.2 Imbagħad Dott. Herrera stiednet lill-Viċi Sindku jaqra d-Dikjarazzjoni, jiffirmaha u jbus is-salib.

## 01.5 Ħatra ta' responsabbiltajiet tal-membri tal-Kunsill

01.5.1 Is-Sindku hawnhekk ressaq lista ta' responsabbiltajiet lil kull membru tal-Kunsill u ta spjegazzjoni qasira dwar x'kienu r-responsabbiltajiet ta' kull membru. Ħadd mill-Kunsilliera ma kellu oġġezzjoni għal dawn il-ħatriet. Huwa talab ukoll biex għalkemm ikollhom dekasteru xorta waħda jqisu kull dekasteru bħala importanti u kull wieħed għandu jqisu bħala

01.5.2

L-ahhar persuna wara l-elezzjoni kazwali.

Lista mehmuza.

## 01.6 Diskors mis-Sindku

01.6.1 Is-Sindku qal li huwa ta' privilegg ghalih li qed jerga' din ir-responsabbilta' ghal darb'ohra. Huwa qal li huwa kburi b'kull kandidat li ghogbu johrog ghall-elezzjoni ghaliex bilfors li jhobbu lill-Imtarfa. Imp li kulhadd jahdem ghal ghan wiehed. Ghandna nigbdu habel wiehed minghajr indhil politiku. Perswaz li se nkomplu nibnu fuq it-tajjeb li sar diga'. L-indafa hija priorità assoluta ghalkemm hija sfida kbira u li hemm bzonn li tigi indirizzata. Spazji miftuha huma priorità ohra - diga' hemm commitment biex jirrigenera l-pjazza tal-imtarfa, ghandna l-progett tal-ERDF ghar-restawr tal-arlogg u l-visitors centre. In-naha ta' Sir Philip Pullicino diga' ghaddej progett u li jista' jkompli fuqu. Bejn il-barracks nistghu nahsbu fi progett ukoll biex jigi msebbah. Heggeg li nohorgu pubblikazzjoni ohra, dwar l-aspett storiku tal-Imtarfa. Heggeg lil Kyle dwariz-zghazagh u lil simon dwar l-indafa.

## 01.7 Ġranet u Ħinijiet tal-laqgħat tal-Kunsill

01.7.1 Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa tal-Kunsill tibda tinzamm fis-6:30pm.

Il-laqgha li jmiss Hamis 25 ta' Lulju.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Daniel John Attard | Josette Micallef |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |